MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru 403/2011

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)

vs

Floyd Attard

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 400284M, akkuzat talli:

1. nhar id-19 ta’ Frar 2011 ghall-habta tas-14:30hrs gewwa l-fond Sky Club, Triq id-Dragunara, San Giljan, ikkommetta serq ta’ televixon, ghad-detriment ta’ Joseph Zammit u/jew nies ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€232.94.
2. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artiklu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni tal-imputat li hi wahda volontarja u nkondizjonata ssibu hati. Ikkonsidrat ukoll l-ammissjoni tieghu fl-istqarrija li hu rrilaxxja lill-Pulizija u rat il-fedina penali tieghu li mhux wahda felici.

Madanakollu, qeghdha tikkonsidra li ma timponiex piena karcerarja.

Rat l-Artiklu 261(b), 271, 279(a), 49 u 50 tal-Kap 9 u tpoggih taht ordni ta’ probation ghall-tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artiklu 7 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------